# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 23 ta' Marzu 2023**

**Appell numru 158/2022**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Oswald SCICLUNA**

**Il-Qorti rat is-segwenti:**

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-30 ta' Marzu 2022 fil-konfront ta' Oswald SCICLUNA (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 282772M) li ġie mixli talli:

> Billi fuq talba tad-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) hu akkużat talli bħala direttur tal-kumpanija Pilastri Construction Limited (C-17532) għas-snin 1999, 2000, 2001, 2002 u 2003 u b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda naqas li jibgħat il-formoli tat-taxxa skont id-dispożizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kapitolu 372 kif ukoll fir-regoli tal-1998 dwar Final Settlement System (FSS) A.L. 88 tal-1998 maħruġa ai termini ta' hawn fuq imsemmi artikolu 23 naqas milli jħares id-dispożizzjonijiet ta' dawk ir-regoli.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), wara li rat l-Artikoli 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 23(1)(2) u (13) tal-Kapitolu 372 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll r-regolamenti 15, 20, 21 u 22 tal-Avviż Legali 88 tas-sena 1998, sabet lill-appellant ħati ta' l-akkużi miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu għall-multa ta' tmien mitt Ewro (Ewro 800) u b'żieda ma' din, multa addizzjonali ta' ħames Ewro (Ewro 5) għal kull jum li matulu dan ir-reat ikompli mid-data tas-sentenza.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi SCICLUNA appella minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti sabiex jogħġobha tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u minflok tiddikjarah mhux ħati tagħhom u tilliberah kompletament skont il-Liġi jew alternattivament u mingħajr preġudizzju, f'każ li dan l-appell ma jintlaqax, jogħġobha tħassarha f'dik il-parti tal-piena billi minflok tiġi mposta piena jew sanzjoni oħra li tkun aktar ekwa għaċ-ċirkostanzi tal-każ u dan wara li stqarr is-segwenti (in suċċint):

(i) Illi preliminarjament l-ewwel aggravju jitratta l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-kawża in diżamina. Illi l-esponent ġie nnotifikat b'dawn il-proċeduri fit-22 ta' Diċembru 2016 u għalhekk huwa ċar u manifest dedotta fil-konfront tal-esponenti hija preskritta.

(ii) It-tieni aggravju jikkonsisti fil-fatt illi l-Prosekuzzjoni ma ġabitx il-provi tal-elementi rikjesti mil-liġi għar-reati addebitati lill-esponent u l-provi miġjuba mill-Prosekuzzjoni jieqfu ferm 'il bogħod mill-piż tal-prova rikjest fil-kamp penali.

(iii) It-tielet aggravju huwa illi l-Prosekuzzjoni ma ressqitx l-aqwa prova sabiex tinstab ħtija fil-konfront tal-esponent u ċjoe li l-esponent kien id-Direttur de quo fid-dati indikati fiċ-ċitazzjoni;

(iv) Ir-raba' aggravju jisħaq illi mill-provi huwa ċar illi l-kumpanija Pilastri Construction Limited kienet daħlet fi ftehim taħt l-iskema dwar tnaqqis fil-multi tal-FSS u tal-KSS mal-Kummissarju tat-Taxxi u li fih ġie estiż it-terminu tal-ħlas. Illi l-esponent dejjem ħallas dak mitlub mil-Liġi.

(v) Il-ħames aggravju jitratta l-fatt li l-esponent jinsisti li huwa qatt ma kellu kontroll fuq il-kumpanija. Il-Kummissarju għat-taxxi qatt ma kkomunika miegħu u dejjem ikkomunika mad-Direttur Anthony Scicluna. Fit-tieni lok, l-esponent uża d-diliġenza kollha xierqa biex jevita l-għemil tar-reat u dan billi saħansitra anke daħal fi ftehim taħt

l-iskema dwar tnaqqis fil-multi tal-FSS u l-KSS mal-Kummissarju tat-Taxxi u mexa ma’ dan l-istess ftehim billi dejjem ħallas sehmu. Kien id-Diretur Anthony Scicluna li baqa’ ma ħallasx sehemu.

## D. IL-PARTI ĠENERALI

4. Illi din il-Qorti hija Qorti ta’ reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Manġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew

---

[1] Tal-21 t’April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta’ l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed”, u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

5. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

6. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

7. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

8. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

9. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża:

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

10. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

11. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne:**[5]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

12. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

13. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **ma teħtieġx** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliża fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

14. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat

[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

[6] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

15. Fil-każ Ingliż **Majid**,[7] Lord Moses stqarr hekk:

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

16. Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti:

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

17. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

18. U huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat

[7] ibid.
[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

19. Il-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

20. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti:

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

21. In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "unsafe and unsatisfactory".

Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

## E. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

22. Illi dan il-każ jitratta allegata inadempjenza mill-appellant Oswald SCICLUNA bħala direttur tal-kumpanija Pilastri Construction (C-17532) li jottempora ruħu mal-obbligi naxxenti mil-Liġijiet tax-Taxxa sabiex bħala persuna li toħroġ l-emolumenti għall-impjegati tagħha, tagħmel dawk id-dikjarazzjonijiet u ħlasijiet li jipprekrivi l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 372 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolamenti 15, 20, 21 u 22 tal-Avviż Legali 88 tas-sena 1998, l-Leġislazzjoni Sussidjarja 372.14 Regoli dwar il-*Final Settlement System*.

23. Illi minn rekords miżmuma mill-Kummissarju tat-Taxxi, jirriżulta li l-appellant Oswald SCICLUNA għan-nom u in-rappreżentanza tas-soċjeta' Pilastri Construction Limited naqas milli jibgħat lir-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, il-formoli tat-taxxa (FS3, FS7 u FS5 inkluż kull pagament ta' taxxa u ta' kontribuzzjonijiet ta'sigurta' soċjali dovut) għas-snin ta' 1999, 2000, 2001, 2002 u 2003. Kien abbażi ta' dan in-nuqqas li nhar it-23 ta' Novembru 2021, il-Kummissarju tat-Taxxi bagħat kwerela lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jittieħdu passi kriminali kontra SCICLUNA abbażi tal-fatt illi fil-perjodu tal-allegati reati, huwa kien wieħed mit-tlett diretturi – ukoll imressqa quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fi proċeduri separati – tal-kumpanija Pilastri Construction Limited.

24. Sussegwentement, nhar it-22 ta' Settembru 2021 l-appellant deher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mixli bl-imputazzjonijiet b'rabta ma' din il-kwerela. Fit-30 ta' Marzu 2022 li huwa nstab ħati bl-imputazzjoni kif dedotta kontra tiegħu.

**L-aggravji ta' natura proċedurali : (a) Il-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali u (b) nuqqas ta' l-aħjar prova li l-appellant kien direttur fiż-żmien rilevanti għal dan il-każ.**

## A. Il-preġudizzjali tal-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali

25. L-imputazzjoni hija msejsa fuq allegat ksur ta' dawn il-Liġijiet fiskali speċjali naxxenti mill-Artikolu 23(1)(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, Kapitolu 372 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll mir-regoli preskritti fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 372.14 senjatament dawk ir-regoli enumerati 15, 20, 21 u 22 tal-imsemmija leġislazzjoni sussidjarja. F'dan ir-rigward, l-appellant jissolleva l-preġudizzjali tal-preskrizzjoni.

26. L-Artikolu 23(12) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa jgħid:

> Iż-żmien ta' preskrizzjoni msemmi qabel m'għandu f'ebda każ jibda għaddej qabel ma dik il-persuna tkun osservat għal kollox id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu u ta' kull regola li ssir bis-saħħa tagħhom.

27. Għalhekk iż-żmien tal-preskrizzjoni f'dan il-każ, jibda jiddekorri minn dakinhar li l-persuna marbuta bl-obbligi naxxenti mill-Artikolu 23(1)(2) tal-Kapitolu 372 tal-Liġijiet ta' Malta **ikun osserva għall-kollox** id-dispożizzjonijiet ta' dik il-Liġi. L-appellant fl-ebda ħin ma kkonċeda illi huwa naqas minn dawk l-obbligi; anzi ikkontesta l-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu fuq il-mertu.

28. Skont ma jirriżulta mix-xhieda tar-rappreżentant tal-Inland Revenue Department Johnmar Delmar, ittieħdu proċeduri kriminali kontra l-appellant għaliex sad-data tal-lum id-Dipartiment għadu jirrikonoxxi li hemm pendenzi u ħlasijiet li ma sarux mid-diretturi tal-kumpanija Pilastri Construction. Minn eżami tad-dokumenti esebiti f'paġna 9 et sequitur tal-atti jirriżulta ppruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li mis-sena 1998 sas-sena 2003 kien hemm ħlasijiet li ma sarux mad-Dipartiment tat-Taxxi. Anki l-fatt stess li l-kumpanija Pilastri Construction daħlet fl-iskema dwar it-Tnaqqis fil-Multi u tal-FSS u l-KSS – fatt mhux ikkontestat – huwa evidenza ta' kif il-kumpanija rrikonoxxiet li kien hemm pendenzi illi ma kinux għadhom ġew saldati.

29. Kwindi jkun ukoll isegwi li b'applikazzjoni tat-tieni proviso li jsegwi l-Artikolu 23(12) tal-Kapitolu 372 tal-Liġijiet ta' Malta, il-perjodu ta' preskrizzjoni ma jistax jiddekorri fir-rigward ta' dawk il-ħlasijiet li għadhom pendenti għall-perjodu de quo.

30. Għalhekk dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**B. In-nuqqas li tinġieb l-aħjar prova li l-appellant kien direttur tal-kumpanija de quo fil-perjodu rilevanti għal dan il-każ.**

31. Il-Prosekuzzjoni għażlet li tixli lill-appellant fil-kapaċita' tiegħu bħala **direttur** tal-kumpanija Pilastri Construction. Ma xlietux ukoll fil-vesti personali tiegħu. Ikun jgħodd għalih dak misjub fl-Artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta:

> 13. Meta xi reat taħt jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Atti, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-għemil tarreat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita' l-għemil tar-reat:
>
> Iżda ħlief dwar reati taħt jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'Att li fih hemm disposizzjoni li tixbaħ id-disposizzjoni ta' dan l-artikolu, iddisposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw biss għal reati li jkunu saru wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att.

32. L-Artikolu 23(13) tal-Kapitolu 372 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid:

> **Kull persuna**[9] li tikser jew li tonqos li tħares id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jew ta' xi regoli msemmija fis-subartikolu (1) teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux anqas minnmija u sittax-il euro (116) u mhux iżjed minn elf u mija u sittin euro(1,160) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhurjew dik il-multa u priġunerija flimkien, u multa oħra ta' mhux inqasminn erba' euro (4) iżda mhux iżjed minn tlieta u għoxrin euro (23)għal kull ġurnata li matulha jkompli r-reat wara li tinsab ħatja..

33. Il-lokuzzjoni adoperata mil-Liġi f'dan l-artikolu ma torbotx l-obbligu tal-ħarsien tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 23(1)(2) tal-Kapitolu 372 tal-Liġijiet ta' Malta neċessarjament mal-kwalifika ta' direttur. Madanakollu, kif ingħad, il-Prosekuzzjoni għażlet li tixli lill-appellant **fil-vesti tiegħu ta' direttur**. Għalhekk kien meħtieġ għall-Prosekuzzjoni li tipprova, bl-aħjar prova u lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-appellant kien direttur tal-kumpanija debitriċi fiż-żminijiet inkriminati. Il-kapaċita tiegħu ta' direttur tal-kumpanija de

[9] Enfasi ta' din il-Qorti.

quo f'dak iż-żmien torbot lill-appellant mal-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

34. L-appellant jilmenta illi din il-prova ċentrali għall-każ tal-Prosekuzzjoni ma saritx b'mod sħiħ u komplut. Jirriżulta li l-provi f'dan il-każ ma ġewx traskritti. Jirriżulta mill-verbal a fol 6 li xehdu x-xhieda J. Delmar – in rappreżentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni u Quentin Tanti in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Kumpaniji fil-Malta Business Registry. X'kienu l-kliem preċiżi tagħhom din il-Qorti ma tafx. Iżda tista tiddeżumi dak li xehdu minn dak li jirriżulta fis-sentenza appellata meta jingħad is-segwenti:

> Illi fil-każ de quo ir-rappreżentant tar-Reġistratur tal-Kumpaniji ikkonferma bil-ġurament tiegħu illi l-akkużat kien direttur fis-snin li qed jiġu indikati fl-att taċ-ċitazzjoni. Ma tressqet ebda prova, imbqar fuq bażi prima facie, li tikkontradiċi din ix-xhieda. Għaldaqstant, din il-Qorti ma tara ebda raġuni għalfejn m'għandhiex temmen ix-xhieda mogħtija bil-ġurament mir-rappreżentant tar-Reġistratur tal-Kumpaniji u tara li x-xhieda tiegħu hija kredibbli. B'hekk, ġie pprovat sal-grad rikjest f'dawn il-proċeduri penali li l-akkużat kien tassew direttur tas-soċjeta' Pilastri Construction Limited għas-snin 1999, 2000, 2001, 2002 u 2003.
>
> Illi in aġġunta mal-argument appena espost, id-difiża ssottomettiet li meta l-akkużat ġie servut biċ-ċitazzjoni odjerna, huwa ma kienx direttur tas-soċjeta' Pilastri Construction Limited, u dan ifisse, legalment, li ma jistax jinstab kriminalment responsabbli peress li (i) hu ġie notifikat f'kapaċita' li ma kienx fiha fiż-żmien tan-notifika, ossija dik ta' "*bħala direttur tal-kumpanija Pilastri Construction Limited*" u (ii) l-akkużi huma preskritti fil-konfront tal-akkużat.
>
> Illi r-rappreżentant tar-Reġistratur tal-Kumpanniji xehed bil-ġurament illi d-diretturi kollha tas-soċjeta' Pilastri Construction Limited, inkluż l-akkuat, kienu irriżenjaw *en bloc*, fl-2011....

35. Ma jirriżultax li din ix-xiehda tal-PL Tanti kienet imsaħħa b'xi dokumenti uffiċjali maħruġa mir-Reġistru tal-Kumpaniji bħalma huma l-Memorandum and Articles of Association sabiex jiġi muri li fiż-żmien tal-allegati reati l-appellant kien vestit bir-rappreżentanza legali u ġudizzjarja tal-kumpanija Pilastri Construction Limited.

36. Peress illi din ix-xiehda tal-PL Tanti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma ġietx traskritta, dan ix-xhud kellu jerġa jieħu l-pedana tax-xhieda quddiem din il-Qorti. Difatti xehed fis-seduta tat-18 t'Ottubru 2022. Matul din is-seduta l-istess xhud qal hekk:

> Xhud : Milli niftakar jiena kont diga dehert, fil -Prim Istanza kont tajt informazzjoni viva voca mill- lista li jkoona. L- ahhar darba li dehert quddiem

din il -Qorti ma kellix dokumenti mieghu u ntlabt nerga' nigi biex ingib id-dokumenti relattivi.

Dif : Mhux f'dan il- kaz pero', ghax dan l -ewwel dehra.

... / ...

Xhud : kull ma nista' nghid illi s- socjeta' Pilastri Construction Limited kienet bdiet originarjament bhala partnership, umbaghad sussegwentement il – partner kienu ghazlu li tkun regolata mill- Companies Act. Illim il- gurnata l-kumpanija hija struck off u giet struck off fl- 14 ta' Frar, 2020 u li nista' nghid li t- tliet diretturi taghha, senjatament Anton Scicluna, Oswald Scicluna u Oswald Scicluna kienu rrizenjaw mill- posizzjoni ta' diretturi fit-13 t'Ottubru tas- sena 2011.... d- diretturi baqghu dejjem l- istess tlieta. Kien hemm xi bdil fi – Memorandum and Articles, li jkun updated, kif ukoll fir- registered address ta' l- kumpanija.

... / ...

Dif : Naqblu anka milli xehedt inti stess illi inti ma intix impjegat ta'l- Malta Business Registry?

Xhud : Jien rapprezentant

Dif : Rapprezentant pero' mhux impjegat, naqblu?

Xhud : Ma inix fuq il- payroll.

Dif : Naqblu wkoll li inti l- informazzjoni li tkun qed ittina hawnhekk tinghata lilek minn ufficjali ta'l -MBR?

Xhud : Jew mis- sistema, tittiehed mis- sistema.

37. Problema rikorrenti u prinċipali li tqum f'appelli fejn ix-xiehda ma tkunx ġiet traskritta mill-Qorti tal-Maġistrati, u fejn allura l-istess xhieda jkollhom jerġgħu jittellgħu jixhdu quddiem din il-Qorti, hija li din il-Qorti ma tkunx f'qagħda li tikkontrolla sew dak li x-xhud ikun iddepona, fis-sens li ladarba din il-Qorti ma jkollhiex quddiemha x'mistoqsijiet saru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ma tkunx tista' tgħid jekk ċerti mistoqsijiet li jkunu saru quddiemha jkunux saru wkoll quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Strettament ma jistgħux isiru mistoqsijiet differenti u iżjed minn dawk li jkunu ġew magħmula mill-partijiet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati; u dan peress li din hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u mhix Qorti li terġa tisma' l-kawża mill-ġdid. B'hekk meta ma jkunx hemm reġistrazzjoni ta' dawk il-mistoqsijiet u tat-tweġibiet tagħhom, din il-Qorti tkun impossibilitata milli tiddetermina jekk sarux tali mistoqsijiet fl-ewwel istanza jew le. Almenu f'dan il-każ, il-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza tagħha għamlet notament tas-sustanza tax-xiehda tal-PL Quentin

Tanti meta xehed quddiemha. Iżda din xorta waħda mhix l-aħjar evidenza ta' dak li ġie mistoqsi lil u mwieġeb mix-xhud quddiem dik il-Qorti.

38. Il-PL Tanti jgħid li huwa kien rappreżentant tar-Reġistratur tal-Kumpaniji. Ma kienx impjegat mal-Malta Business Registry u ma kienx fuq il-payroll tagħhom, iżda kien rappreżentant tagħhom. Sa hawnhekk, għalkemm jidher li d-Difiża donnha riedet timplika li b'daqshekk ix-xiehda tiegħu ma kienetx tajba, ix-xhud ikkonferma bil-ġurament tiegħu li huwa ġie delegat mir-Reġistratur tal-Kumpaniji biex jixhed f'isem il-Malta Business Registry. Rappreżentant għandu jkun f'qagħda li jippreżenta evidenza tad-delega li tkun mogħtija lilu jekk u meta jkun mitlub. Ma jidhirx pero li prova ta' din id-delega tiegħu ġiet mitluba mid-Difiża jew kontestata minnha.

39. Dak li ħasseb lil din il-Qorti pero huwa marbut mal-modalita u l-kontenut tax-xiehda tiegħu. Jidher li dan ix-xhud xehed fuq informazzjoni illi għaddihielu xi Uffiċjal tal-Malta Business Registry, li baqgħa mhux identifikat, u li kellu aċċess għall-informazzjoni misjuba fir-reġistri ("sistemi" jgħid ix-xhud) fl-uffiċju tar-Reġistratur tal-Kumpaniji mal-Malta Business Registry.

40. Tanti ma jikkonfermax li r-riċerka dwar jekk l-appellant kienx direttur tal-kumpanija Pilastri Construction għamilha hu personali mir-reġistri tal-Malta Business Registry. L-informazzjoni dwar l-appellant ġiet mogħtija lilu minn Uffiċjal (anonimu) tal-Malta Business Registry skont kif meħuda mis-"sistemi" ta' din l-enti. Ma ġiex spjegat mix-xhud x'inhuma dawn is-sistemi. Pero din il-Qorti tifhem li huwa kien qiegħed jirreferi għal reġistri possibilment anke dawk diġitali, li illum jintużaw biex tinħażen informazzjoni minn din l-enti. Din id-deposizzjoni teħtieġ din il-Qorti tagħrbel din ix-xiehda tiegħu mill-lenti ta' żewġ prinċipji bażiċi fil-Liġi proċedurali Malti – dik li tobbliga lill-partijiet li jippreżentaw l-aħjar evidenza possibbli u r-regola tal-esklużjoni ta' xhieda fuq kliem ħaddieħor.

41. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-**best evidence rule,** ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda,

> li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.

42. Hu mistenni mill-partijiet li jkunu jridu jippruvaw il-każ tagħhom li jresqu l-aħjar prova disponibbli għalihom. Bħala regola, jekk jiġi b'xi mod muri li dik l-evidenza li tkun tresqet ma tkunx l-aħjar evidenza li l-parti li tipproduċiha kienet f'qagħda li tressaq, il-Qorti tkun trid tiskarta dik l-evidenza u ma tistrieħx fuqha. Din ir-regola hija intiża li tassikura li l-evidenza li titressaq tkun awtentika, veritjiera u b'saħħitha u mhux qarrieqa, kontraffatta jew dgħajfa. Għalhekk il-parti li trid tipprova fatt jew allegazzjoni trid tressaq evidenza li tkun l-aħjar evidenza li tista' tinġieb quddiem il-Qorti minn dik il-parti, u li jkun possibbli għal dik il-parti li tressaqha. Jekk dik l-evidenza tkun teżisti u disponibbli allura dik il-parti hija obbligata li tressaq dik l-evidenza u ebda evidenza oħra. Dik il-parti tkun tista' biss tressaq quddiem il-Qorti evidenza oħra, li ma tkunx l-aħjar evidenza biss meta l-aħjar evidenza ma tkunx tista' tinġieb minn dik il-parti. Fi ftit kliem din ir-regola teskludi evidenza ta' kwalita inferjuri meta evidenza ta' kwalita superjuri tkun disponibbli; u tippermetti evidenza ta' kwalita inferjuri biss meta l-evidenza ta' kwalita superjuri ma tkunx disponibbli.

43. F'dan is-sens allura d-dottrina tagħmel distinzjoni bejn evidenza primarja u evidenza sekondarja. L-evidenza primarja hija dik li titqies, minn natura tagħha stess, bħala l-aħjar evidenza fiċ-ċirkostanzi tal-każ b'mod li teskludi li jkun hemm evidenza oħra aħjar minnha. Din l-evidenza tirbaħ fuq tipi ta' evidenza oħra minħabba li tkun kwalitattivament superjuri għal kull tip t'evidenza oħra li tista' tkun disponibbli. Minħabba li tkun ta' kwalita aqwa u aħjar, din l-aħjar evidenza toffri iżjed kunfidenza u serħan il-moħħ lil min ikun irid jiġġudika l-fatt peress li tagħtih iżjed ċertezza li fuqha jkun jista' jserrah id-deċiżjoni tiegħu.

44. L-evidenza sekondarja, mill-banda l-oħra hija tip t'evidenza li minnha nnifisha tippresupponi l-eżistenza ta' xi evidenza li tkun kwalitativament aħjar minnha; iżda minħabba xi raġuni partikolari dik l-evidenza li tkun kwalitativament superjuri għaliha ma tkunx tista' tiġi prodotta bi prova fil-proċess penali. Minħabba li din l-evidenza sekondarja titqies kwalitativament inferjuri għall-evidenza primarja ma tistax tiġi prodotta b'evidenza fi proċeduri kriminali għajr ħlief meta ma jkunx possibbli li titressaq l-evidenza primarja. Evidenza primarja, li allura tkun l-aħjar evidenza ma titqies li ma tkunx għadha

tista titressaq fil-Qorti f'każ fejn din tkun ġiet meqruda, kompromessa, mitlufa jew ġenwinament ma tkunx tista' tinstab. Għalhekk mhux possibbli għal persuna akkużata li tressaq id-difiża tan-nuqqas tal-aħjar prova meta tkun hi stess il-kawża tal-għibien jew l-indisponibilita tal-aħjar prova fil-każ.

45. L-evidenza sekondarja tista' biss titressaq bi prova fi proċeduri penali biss meta jkun impossibbli li titressaq l-aħjar prova disponibbli fiċ-ċirkostanzi tal-każ jew fejn l-aħjar evidenza ma tkunx tista' tiġi prodotta għajr ħlief b'inkonvenjent enormi.[10] Iżda anke hawn, il-Qorti ta' Ġustizzja Kriminali ma taqbadx u taċċetta din it-tip ta' evidenza kif ġieb u laħaq. Kollox jiddependi miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Il-Qorti tal-Ġustizzja Kriminali tista' taċċetta dik l-evidenza skont kemm dik l-evidenza sekondarja tkun ta' kwalita tali li tista' tistrieħ fuqha.

46. L-eżempju klassiku huwa dak li jitnissel mill-evidenza dokumentarja. L-aħjar prova dwar l-eżistenza ta' dokument hija kostitwita mill-produzzjoni ta' dak id-dokument fl-oriġinal tiegħu. Id-dokument oriġinali huwa l-evidenza primarja. Bosta drabi l-aħjar prova ta' dak id-dokument teħtieġ ukoll l-awtentikazzjoni tiegħu, għajr fejn il-Liġi stess teħles mill-ħtieġa tal-awtentikazzjoni f'ċirkostanzi speċifiċi legalment stabbiliti. Mill-banda l-oħra kopja ta' dak id-dokument, u allura dokument li jista' jkun identiku fil-forma u l-kontenut iżda li ma jkunx l-oriġinal, ikun jista' jitqies li huwa evidenza sekondarja tal-kontenut tad-dokument oriġinali. Iżda l-parti li tkun trid tipproduċi d-dokument b'evidenza hija obbligata li tressaq id-dokument fl-oriġinal tiegħu u mhux il-kopja tiegħu. Dan peress li l-evidenza primarja, ossija l-aħjar prova tad-dokument huwa d-dokument oriġinali innifsu.

47. Huwa biss fil-każ li d-dokument fl-oriġinal tiegħu ma jkunx jista' jiġi prodott b'evidenza minħabba ad eżempju li jkun ġie distrutt, li jkun possibbli li tiġi proposta kopja tiegħu bħala evidenza sekondarja. Iżda f'dak il-każ, il-Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun trid tqis dik l-evidenza b'kawtela u ċirkospezzjoni minħabba problemi, dubji jew inċertezzi li jistgħu ikunu marbuta mal-awtentiċita, ġenwinita u veradiċita ta' dak l-istess dokument u l-kontenut tiegħu. Bosta drabi Qrati ta' Ġustizzja Kriminali jiskartaw din it-tip ta' evidenza sekondarja minħabba li din ma tkunx tista' toffri dik il-kunfidenza meħtieġa għal ġudizzju penali. Fi kwalunkwe każ, fejn id-dokument

[10] Ara wkoll **R vs. Duncan**, 2016 ONSC 1126 (CanLII).

oriġinali huwa disponibbli u produċibbli l-argument dwar il-produzzjoni tal-kopja tiegħu bi prova sekondarja ma tqumx, in kwantu l-kopja ma tista qatt tissostitwixxi lid-dokument oriġinali meta tkun trid issir il-prova tad-dokument jew il-kontenut tiegħu; u dan apparti l-ħtieġa tal-prova tal-awtentiċita tiegħu kull fejn meħtieġ.

48. F'dan il-każ, huwa wkoll meħtieġ li ssir riferenza għar-regola tal-esklużjoni tal-hearsay evidence kif din tiġi applikata fil-kamp penali Malti. L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw **il-hearsay evidence**, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

> **598.** (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.
>
> (2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bhal dawk.
>
> (3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.
>
> **599.** Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

49. Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti presjeduta mill-Imħallef Lawrence Quintano fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Janis Caruana** tal-14 ta' Mejju 2012 il-kwistjoni tal-**hearsay evidence** kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod:

> 21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:
> '599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'

22. Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:
'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta'dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi millkonlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'

23.Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ' Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'pargrafu 130:

'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law rule against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case.'

24. Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni talartikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).

25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ 'Al-khawaja vs UK' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel irrapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.

50. Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t'Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi** ġie deċiż is-segwenti:

> Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.
>
> Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan il-kliem:
> 'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'
>
> Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew  social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa flistadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.
>
> F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:'
>
> Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

51. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella**, deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-**hearsay evidence** ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar:

> Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.

52. Prinċipju ieħor li jeħtieġ li ssir riferenza għalih huwa dak li jitnessel mill-artikolu 520(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi li l-artikoli 627 sa 633, u l-artikoli 635 sa 637 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li għandhom x'jaqsmu ma' provi permezz ta' dokumenti u l-esibizzjoni ta' dokumenti li jkunu fil-pussess ta' ħaddieħor u li huma wkoll applikabbli għall-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali. Fil-fatt l-artikolu 629 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid li huwa ammissibbli u jistgħu jippruvaw dak li jkun fihom, (sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, basta li tkun ippruvata l-awtentiċita tagħhom) l-atti u r-reġistri ta' stabbiliment, jew korpi pubbliċi, awtorizzati jew magħrufa mill-liġi jew mill-Gvern.

53. Mill-atti, il-fatt li l-appellant setgħa kien direttur tal-kumpanija Pilastri Construction għal perjodu ta' żmien tirriżulta evidenza sekondarja bħal, ad esempju, mid-dokument f'paġna 9. Imbagħad hemm ukoll ix-xiehda tal-PL Quentin Tanti kif riportata iżjed il-fuq.

54. Din il-Qorti ma għandhiex għalfejn tiddubita mill-veradiċita ta' dak li xehed il-PL Tanti. Iżda din il-kunfidenza ta' din il-Qorti dwar il-ġenwinita ta' dak li xehed Tanti bl-ebda mod ma tista' tħassar il-fatt li huwa akkwista dik l-informazzjoni mingħand Uffiċjali innominati tal-Malta Business Registry; u ma jirriżultax mix-xiehda tiegħu li huwa fittex u ġabar dik l-informazzjoni hu personali mir-reġistri tal-Malta Business Registry. Imma anke jekk, **għall-grazzja tal-argument**, il-Qorti temmen li l-informazzjoni ġabarha l-istess xhud personalment mir-reġistri tal-Malta Business Registry, xorta waħda

jibqa' l-fatt li, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, l-aħjar prova ta' min kienu d-diretturi ta' din il-kumpanija ma kienetx biss ix-xiehda ta' dak ir-rappreżentant fuq dak li huwa setgħa ra fuq ir-reġistru tal-Malta Business Registry, iżda l-prova dokumentarja fis-sensi tal-artikolu 629 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta reż applikabbli *in poenalibus* mill-artikolu 520(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali li tikkostitwixxi l-prova ta' dak li jkun fihom l-atti u r-reġistri ta' stabbiliment, jew korpi pubbliċi, awtorizzati jew magħrufa mill-liġi jew mill-Gvern, basta li tkun ippruvata l-awtentiċita tagħhom.

55. Din kienet prova li kienet perfettament u trankwillament disponibbli għall-Prosekuzzjoni, li kieku indenjat ruħha tinsisti għaliha u tressaqha. Ir-regola tal-produzzjoni tal-aħjar prova mhix xi formalita jew xi regola li tiġi applikata b'mod allegru. Dik hija regola bażika fl-ordinament ġuridiku proċedurali penali Malti u hija regola ta' garanzija proċedurali li għandha tiġi mħadma dejjem u f'kull każ.

56. Din kienet prova li faċilment setgħet inġiebet; ma kienetx prova impossibbli li tinġieb jew li biex tinġieb kienet twassal għal xi inkonvenjent enormi. B'hekk ladarba din il-prova dokumentarja setgħet tinġieb għax kienet faċilment disponibbli, u stante li dik il-prova kienet kwalitativament supejuri għal kull tip ieħor ta' prova oħra – inkluż dik testimonjarja - dwar il-kontenut tar-reġistri tal-Malta Business Registry fuq min kienu d-diretturi tal-kumpanija Pilastri Construction fiż-żminijiet rilevanti ta' dan il-każ, kellha tkun dik il-prova dokumentarja li titressaq f'din il-kawża u mhux sempliċiment it-testimonjanza, anke jekk in buona fede, tar-rappreżentant tal-Malta Business Registry dwar x'qalulu uffiċjali tal-Malta Business Registry wara li dawn ikkonsultaw mas-"sistemi" tal-Malta Business Registry.

57. F'dan is-sens allura din il-Qorti ma tistax taqbel mal-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-sens li qieset bħala prova l-kontenut tax-xiehda tal-PL Tanti bħala l-konferma tal-kwalita tal-appellant bħala direttur tal-kumpanija Pilastri Construction. Ma taqbilx mhux għax dan ix-xhud ma kienx veritjier jew kredibbli f'dak li qal li semgħahom jgħidulu; iżda minħabba l-fatt li :

(a) l-aħjar prova tal-fatt jekk l-appellant kienx direttur tal-kumpanija Pilastri Construction kienet waħda dokumentarja meħuda mir-reġistri tal-Malta Business Registry – senjatament estratt mir-reġistru ta' dik il-kumpanija miżmum mill-Malta Business Registry

debitament konfermat mir-rappreżentant tal-Malta Business Registry; u peress li

(b) dak li semgħa lill-Uffiċjali tal-Malta Business Registry jgħidulu wara verifiki mis-"sistemi" tal-Malta Business Registry jista' jitqies bħala prova ta' dak li l-PL Tanti semgħa lil dawn in-nies jgħidulu, iżda mhux prova dwar il-veraċita, awtentiċita u preċiżjoni tal-kontenut ta' dak li dawn l-Uffiċjali li baqgħu anonimi stqarrew miegħu.

58. Għaldaqstant, dan it-tielet aggravju qiegħed jiġi milqugħ u fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti ma tqisx illi jkun fadal lok sabiex jiġu esplorati l-aggravji oħra hawnhekk imressqa mill-appellant.

# DECIDE

**Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti qiegħda tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata tiddikjara lill-appellant mhux ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u tilliberah minn kull ħtija, piena u konsegwenza.**

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**